

Brussell, 19 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

15005/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0252(NLE)

SCH-EVAL 215
VISA 263
COMIX 577

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 19 ta' Diċembru 2019

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 14647/19

Suġġett: **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal-Polonja rigward l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi**

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal-Polonja rigward l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Diċembru 2019.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal-Polonja rigward l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jstabilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-fini ta' din id-Deċiżjoni huwa li tirrakkomanda lill-Polonja azzjonijiet korrettivi biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi li saret fl-2019. Wara l-evalwazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 5555, ġie adottat rapport li jkopri l-konstatazzjonijiet u l-valutazzjonijiet, u li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) Fid-dawl tal-importanza tal-implimentazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet marbuta mal-valutazzjoni tar-riskju migratorju, il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), u l-protezzjoni tad-data, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1, 3, 4, 7, 9 sa 17, 22, 36 u 37 ta' din id-Deċiżjoni.
- (3) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Jenħtieġ li, fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, il-Polonja, f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex jiġi rimedjat kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u tibgħat dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

JIRRAKKOMANDA:

li l-Polonja jenħtieġ li:

Ġenerali

1. tistabbilixxi u timplimenta sistema ta' valutazzjoni tar-riskju biex timmonitorja r-riskji tal-migrazzjoni sistematikament u regolarment f'pajjiżi terzi skont l-obbligu tal-viża, li tkun ibbażata fuq diversi sorsi ta' informazzjoni (statistika dwar l-asil u l-migrazzjoni irregolari, inkluż data mis-sistema ta' Dublin, informazzjoni mill-awtoritajiet tal-migrazzjoni, tal-fruntiera u tal-pulizija, skambju ta' informazzjoni skont il-Kooperazzjoni Lokali ta' Schengen, u analiżijiet tas-sitwazzjoni politika u soċjoekonomika). Tikkondividi regolarment l-istatistika tas-sistema ta' Dublin mal-konsulati bħala feedback essenzjali biex tittejjeb il-kwalità tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal viżi;
2. tikkunsidra forom possibbli ta' taħriġ għall-persunal lokali reclutat reċentement, bħal tagħlim online u korsijiet organizzati ċentralment jew reġjonalment, u ttejjeb it-tħarriġ fis-servizz għall-persunal espatrijat, inkluż fl-għodod għall-eżaminar tal-applikazzjonijiet;

3. tiżgura li l-uffiċjali kollha tal-viżi jkunu mħarrġa biżżejjed biex jużaw il-funzjonalitajiet kollha tas-sistema tal-IT nazzjonali tal-viżi ("*Wiża-Konsul*"), il-VIS (pereżempju tiftix "fuzzy", l-unlinking, il-korrezzjoni u t-tħassir ta' data fil-VIS, l-iggruppar tal-applikazzjonijiet u t-tiftix għal ittri ta' stedina, il-VIS Mail) u sistemi tal-IT rilevanti oħra, bħas-sistema tal-appuntamenti. Tagħti struzzjonijiet lill-kapijiet tat-taqsimiet tal-viża dwar proċeduri ta' riżerva possibbli fil-każ ta' nuqqas estiż ta' funzjonament tas-sistemi;
4. tiżgura li l-konstatazzjonijiet mill-eżami, il-verifiki, l-intervisti u r-raġunijiet li jkunu wasslu għal deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet, ikunu ddokumentati aħjar fil-*Wiża-Konsul* (jew tal-inqas fil-fajl fiżiku), sabiex tiġi ffaċilitata r-rikostruzzjoni tad-deċiżjoni aktar tard, pereżempju fil-każ ta' appelli ġudizzjarji jew applikazzjonijiet sussegwenti mill-istess applikant;
5. tikkunsidra approċċ aktar ċentralizzat għall-ġestjoni tas-siti web tal-konsulati dwar il-proċeduri tal-viża (bħal mudelli, links jew struttura komuni) sabiex jagħtu lill-pubbliku informazzjoni konsistenti, kompluta u korretta;
6. tiżgura li s-sit web *e-Konsulat* għall-applikazzjonijiet online ikun fih informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data li tkun konformi mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data¹, u li jkun meħtieġ biss ritratt wieħed mill-applikanti għal viża;
7. tiżgura li d-dati tal-wasla u t-tluq għall-ewwel soġġorn intenzjonat jew dak li jmiss tal-applikant fiż-żona Schengen jiddaħħlu fl-oqsma 29 u 30 tal-formola tal-applikazzjoni u li din l-informazzjoni tkun maħżuna b'mod korrett fil-VIS. Tagħti struzzjonijiet lill-persunal konsulari u lill-fornitur tas-servizzi esterni (ESP) u tinforma lill-applikanti li dawn l-oqsma ma għandhomx jintużaw biex jindikaw it-tul mixtieq ta' validità tal-viża;
8. tneħħi l-marka "VIS" minn fuq l-istikers stampati tal-viżi;

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

9. tistabbilixxi politika għaż-żamma ta' data għall-*Wiża-Konsul* u tikkonsulta lill-aġenzija nazzjonali tal-protezzjoni tad-data b'rabta magħha. Regolarment tneħħi d-data tal-applikazzjoni fil-*Wiża-Konsul* skont il-politika;
10. tiżgura li, fil-VIS, il-konsulati kollha sistematikament jillinkjaw il-fajls tal-applikazzjoni ta' persuni li jkunu qed jivvjaġġaw fi grupp jew mal-familja tagħhom;
11. tiżgura li, meta l-uffiċjali tal-viża jidentifikaw data skorretta fil-fajl ta' applikazzjoni, id-data tiġi kkoreġuta fil-VIS, u li d-deċiżjonijiet kollha dwar l-applikazzjonijiet, inkluż iċ-ċaħdiet, dejjem jiġu rreġistrati fil-VIS;
12. timmodifika l-*Wiża-Konsul* sabiex tibgħat id-data tal-applikazzjoni lill-VIS minnufih wara li jinħoloq il-fajl ta' applikazzjoni fis-sistema nazzjonali;
13. tiżgura li l-*Wiża-Konsul* twettaq tiftix tajjeb fil-VIS, inkluż tiftix "fuzzy" bħala setting tat-tiftix awtomatiku;
14. ittejjeb il-kwalità tad-data mibgħuta lill-VIS billi ssaħħaħ ir-regoli tal-kwalità tad-data fil-*Wiża-Konsul*, b'mod partikolari:
 - tiżgura li l-fajls ta' applikazzjoni rreġistrati fil-*Wiża-Konsul* u rrekordjati fil-VIS ikunu kompluti u li jkun fihom id-data kollha meħtieġa mill-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-VIS¹, inkluż il-persuna ta' kuntatt tal-organizzazzjoni ospitanti u l-impjegatur;
 - tipprovdi kamp għat-test liberu biex jiddaħħlu dettalji ulterjuri meta l-għan tal-vjaġġ jew l-okkupazzjoni jkun imniżżel bħala "ieħor";
 - tipprevjeni li l-applikazzjonijiet jiġu vvalidati u mibgħuta lill-VIS jekk ikun hemm xi kamp tat-test li jkun fih karattri numeriċi jew speċjali u tevita li jintbagħtu karattri fiċ-Ċirilliku (jew alfabet ieħor) lill-VIS;

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

15. timmodifika l-*Wiża-Konsul* sabiex viża uniformi ma tkunx tista' tinħareġ meta l-konsultazzjoni minn qabel tkun għadha għaddejja jew tkun waslet risposta negattiva. Tikkunsidra li tintegra t-tabella ta' konsultazzjoni minn qabel fis-sistema biex tiżgura li l-konsultazzjoni minn qabel dejjem issir awtomatikament meta meħtieġ;
16. timmodifika l-*Wiża-Konsul* biex tiżgura li t-tiftix fis-SIS isir awtomatikament (inkluż li jsir mill-ġdid meta d-data tal-applikazzjoni rilevanti tinbidel fis-sistema fi stadju aktar tard) u li viża uniformi ma tkunx tista' tinħareġ lil applikant li jkun is-suġġett ta' allert fis-SIS mingħajr verifika preċedenti tal-allert;
17. testendi l-aċċess għall-VIS Mail lill-uffiċjali kollha tal-viża li jaħdmu f'konsulat partikolari u lill-istazzjonijiet tax-xogħol kollha li fihom jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għal viża;
18. tikkunsidra li tintroduċi gwida aġġornata u li tintfiehmed faċilment dwar kif jintuża l-*Wiża-Konsul*;

L-Ambaxxata f'Minsk

19. tkompli l-isforzi li għaddejjin biex tiskjera aktar persunal espatrijat fil-konsulat jew tfittex modi oħrajn biex tindirizza l-għadd li qed jiżdied ta' applikazzjonijiet għal viża;
20. tikkunsidra li żżid l-għadd ta' appuntamenti disponibbli fl-ESP u/jew fil-konsulat (fejn il-kapaċità tal-ipproċessar tiegħu tippermetti), b'kont meħud tal-potenzjal li jsir użu aħjar mill-persunal lokali għal ċerti kompiti (*ara r-rakkomandazzjoni li ġejja*);
21. tikkunsidra li tafda lill-persunal lokali b'aktar kompiti (bħall-verifika tal-ammissibilità tal-applikazzjonijiet, il-ħolqien ta' fajls ta' applikazzjoni fil-VIS, l-iggruppjar tal-applikazzjonijiet u l-verifika tal-informazzjoni fid-dokumenti ta' prova) bil-għan li jsir użu aħjar mill-kapaċità ta' riżerva tagħhom u jitnaqqas il-piż fuq l-uffiċjali tal-viża;
22. tiżgura verifika aktar bir-reqqa tad-dokumenti ta' prova permezz ta' għodod online (pereżempju għar-riżervazzjonijiet tal-lukandi, ir-reġistri tal-kumpanniji) jew telefonati lill-applikanti jew lill-impjegaturi, partikolarment f'każi ta' profili jew pjanijiet tal-ivvjaġġar mhux tas-soltu;

23. tikkunsidra li tikkuntattja lill-konsulati ta' Stati Membri oħrajn (bl-użu tal-VIS Mail fejn possibbli) biex tifhem aħjar ir-raġunijiet dettaljati għal każijiet preċedenti, fejn dan ikun utli għad-deċiżjoni;
24. tistabbilixxi linji gwida ċari dwar il-validità tal-viżi għal dħul multiplu maħruġa, bl-għan li tiġi żgurata l-konsistenza fil-prattiki tax-xogħol tal-uffiċjali tal-viża;
25. tiegħu inizzjattiva mġedda, flimkien mad-Delegazzjoni tal-UE fil-kuntest tal-Kooperazzjoni Lokali ta' Schengen, biex tirrevedi l-lista armonizzata tad-dokumenti ta' prova għall-finijiet ta' vjaġġi ta' ġurnata għal Stati Membri ġirien, pereżempju biex titlob spjega bil-miktub tal-pjanijiet tal-ivvjaġġar tal-applikant minflok riżervazzjoni ta' lukanda;
26. taġġorna s-siti web tal-ESP u tal-konsulati dwar it-tariffi għall-appelli fil-qrati, iċ-ċirkostanzi li fihom dawn ikunu jistgħu jiġu eżentati u informazzjoni dwar il-lingwa/i li biha/bihom tista' timtela' l-formola tal-applikazzjoni. Tikkoreġi u tiċċara l-informazzjoni dwar l-eżenzjonijiet u t-tnaqqis mit-tariffi tal-viża. Tneħħi t-teaser "prime slot" (għall-appuntamenti preferenzjali) mis-sit web tal-ESP;
27. taġġi struzzjonijiet lill-ESP biex isaħħaħ il-privatezza fil-bankijiet ta' servizz billi jinstalla partizzjonijiet aktar adattati;
28. taġġi struzzjonijiet lill-ESP biex inaddaf il-ħġieġ tal-iskeners tal-marki tas-swaba' regolarment;
29. taġġi struzzjonijiet lill-ESP biex joqgħod fuq id-dikjarazzjoni tal-applikanti fil-kamp 27 tal-formola tal-applikazzjoni dwar jekk ikunux taw marki tas-swaba' fid-59 xahar preċedenti (jekk ma jkunux imlew dak il-kamp jew ma jkunux jiftakru sew, l-ESP jista' jinformahom li ser jintalbu jiġu lura l-ESP jew fil-konsulat jekk il-marki tas-swaba' ma jkunux ġew irreġistrati fil-VIS u għalhekk jirrakkomanda li l-marki tas-swaba' jergħu jinġabru);
30. tiegħu miżuri fil-konsulat biex tiġġestixxi l-kjuwijiet aħjar (pereżempju billi tifrex l-appuntamenti f'ħinijiet differenti ta' filgħodu jew tal-ġum) u biex tiżgura l-privatezza fil-bankijiet ta' servizz (pereżempju billi tinstalla partizzjonijiet) u komunikazzjoni aħjar mal-applikanti (pereżempju bl-intercom);

31. tiżgura li l-applikanti li jħallsu t-tariffa tal-viża permezz ta' trasferiment bankarju ma jeħlux spejjeż addizzjonali, jew tipprovdi għażliet ta' ħlas alternattivi mingħajr imposti addizzjonali;
32. tiżgura li l-applikanti jħallsu t-tariffa tal-viża meta jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom fil-konsulat, jew qabel;
33. tagħmel arranġamenti biex tinforma lill-applikanti meta d-dokument tal-ivvjaġġar tagħhom ikun jista' jinġabar fil-konsulat f'każijiet fejn iż-żmien normali tat-teħid ta' deċiżjoni ma jkunx ġie rrispettat;
34. taħtar konslu/uffiċjal tal-viża wieħed biex ikun responsabbli għall-provvista ta' stickers tal-viża vojta u li hu biss ikollu aċċess għall-kaxxaforti f'ħin partikolari;
35. tagħti konsiderazzjoni dovuta lill-ilmenti kollha tal-applikanti u tiżgura segwitu u rispons adegwati;

L-ambaxxata f'Yerevan

36. tagħmel valutazzjoni tar-riskju ta' migrazzjoni għall-Armenja, abbażi ta' data dwar il-migrazzjoni irregolari għaż-żona Schengen, informazzjoni rilevanti oħra mill-awtoritajiet tal-migrazzjoni, tal-fruntiera u tal-pulizija, u esperjenzi ta' Stati Membri oħrajn (kif kondiviżi permezz tal-Kooperazzjoni lokali ta' Schengen), u taġġornaha regolarment. Tfitteż b'mod attiv informazzjoni rilevanti mill-konsulati ta' Stati Membri oħra;
37. tiżgura li l-konsulat jeżamina l-applikazzjonijiet aktar bir-reqqa, f'konformità mal-livell ta' riskju tal-migrazzjoni. Tiżgura verifika aktar bir-reqqa tad-dokumenti ta' prova permezz ta' għodod online (pereżempju għar-riżervazzjonijiet tal-lukandi, siti web tal-kumpanniji u/jew reġistri jekk disponibbli), intervisti aktar frekwenti mal-applikanti (inkluż bit-telefown), verifiki mal-impjegaturi u mezzi oħra;
38. tiżgura li l-uffiċjali tal-viża jifhmu kompletament il-kontenut essenzjali tad-dokumenti ta' prova bl-Armenjan meta jieħdu d-deċiżjonijiet (pereżempju billi jitolbu lill-persunal lokali biex jipprovdu sommarju tiegħu) jew jitolbu traduzzjonijiet;

39. tikkunsidra li tikkuntattja lill-konsulati ta' Stati Membri oħrajn (bl-użu tal-VIS Mail fejn possibbli) biex tifhem aħjar ir-raġunijiet dettaljati għal każdiet preċedenti, fejn dan ikun utli għad-deċiżjoni;
40. taġġorna s-sit web tal-konsolat rigward il-proċedura tal-appell għadizzjarju u l-informazzjoni dwar il-lingwa/i li biha/bihom tkun tista' timtela l-formola tal-applikazzjoni;
41. tiżgura li l-formoli tal-applikazzjoni mimlijin bl-idejn jiġu aċċettati u l-applikanti jkunu jistgħu jiksbu appuntament mingħajr ma jkollhom għalfejn jimlew il-formola tal-applikazzjoni online minn qabel, tal-inqas f'ċerti każijiet (membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE/ŻEE, appuntamenti ripetuti);
42. tiżgura li l-applikazzjonijiet jitqiesu ammissibbli saħansitra jekk uħud mid-dokumenti ta' prova (bħall-kunsens ta' ġenitur wieħed) ikunu neqsin;
43. tapplika b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjonijiet mit-tariffa tal-viża previsti fil-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża bejn l-UE u l-Armenja;
44. tiegħu approċċ konsistenti għall-ġbir tal-marki tas-swaba', abbażi tad-dikjarazzjoni tal-applikanti fil-kamp 27 tal-formola tal-applikazzjoni dwar jekk ikunux taw marki tas-swaba' fid-59 xahar preċedenti (jekk ma jkunux imlew dak il-kamp jew ma jkunux jiftakru sew, il-konsulat jista' jinformatom li ser jintalbu jiġu lura jekk il-marki tas-swaba' ma jkunux ġew irreġistrati fil-VIS u għalhekk jirrakkomanda li l-marki tas-swaba' jerġgħu jinġabru);
45. tiċċara mal-awtoritajiet Żvizzeri (irrappreżentati fl-Armenja mill-Polonja) jekk il-formola ta' sponsorizzazzjoni personalizzata tistax tintbagħat lill-applikanti bil-posta elettronika (biex tevitalhom il-ħtieġa li jagħmlu żjara oħra lill-konsulat) u jekk hijiex meħtieġa għaż-żjarat kollha lill-familja jew il-ħbieb, saħansitra meta l-applikant ikollu mezzi ta' sussistenza suffiċjenti;
46. meta tiddeċiedi dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni b'passaport Armenjan mhux bijometriku, tqis id-data ta' skadenza tal-passaport u mhux tat-timbru li jawtorizza l-użu tiegħu għall-ivvjaġġar internazzjonali. Iddaħħal id-data ta' skadenza korretta għal tali passaporti fil-VIS. Jekk meħtieġ, tqajjem il-kwistjoni tal-passaporti Armenjani mhux bijometriċi fil-Kooperazzjoni Lokali ta' Schengen bil-għan li l-prattiki jiġu armonizzati;

47. tikkunsidra li tieġu miżuri biex ittejjeb il-privatezza fil-bankijiet ta' servizz. Tiżgura li l-intervisti jsiru barra l-ħinijiet ġenerali tal-ammissjoni jew issib mod ieħor biex tiggarrantixxi l-privatezza tal-persuni intervistati;
48. tiżgura li l-proċedura tal-appell applikabbli tkun ippreżentata sistematikament fil-formola ta' każda;
49. tiżgura li l-proċeduri korretti għall-invalidazzjoni tal-istikers tal-viża jġu segwiti f'kull każ u li l-persunal konsulari jkun imħarreġ sew f'dawk il-proċeduri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
